

Domanda preliminari

Il-kunċett ta' imballaġġ kif iddefinit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 94/62/KE, emendata bid-Direttiva 2004/12/KE⁽¹⁾, jinkludi l-"mandrini" (rollijiet, tubi, ċilindri) li jitkebbu magħhom prodotti flessibbli, bħall-karta u folji tal-plastik, mibjugħin lill-konsumatur?

⁽¹⁾ Direttiva 2004/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li temenda d-Direttiva 94/62/KE fuq l-ippakkjar u l-iskart tal-ippakkjar (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 3).

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2015 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Franċiża**(Kawża C-314/15)**

(2015/C 294/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Beynet u E. Manhaeve, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Franċiża

Talbiet

- tikkonstata li, billi ma żgurax it-trattament sekondarju jew ekwivalenti tal-ilma urban mormi tal-15-il agglomerazzjoni b'ekwivalenza ta' popolazzjoni inkluża bejn 1-10 000 u 1-15 000 għal kull rimi barra minn żoni sensitivi, jew b'ekwivalenza ta' popolazzjoni inkluża bejn 1-2 000 u 1-10 000 għar-rimi kollu, fl-ilma ħelu u l-estwarji, ir-Repubblika Franċiża naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 4(1) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE, tal-21 ta' Mejju 1991, dwar it-trattament tal-ilma urban mormi⁽¹⁾.
- tikkundanna lir-Repubblika Franċiża għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Bir-rikors tagħha, il-Kummissjoni tilmenta li Franza ma implementatx korrettament, fi ħmistax-il agglomerazzjoni, id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE, tal-21 ta' Mejju 1991, dwar it-trattament tal-ilma urban mormi.

Skont tal-Artikolu 4(1) u (3) tad-Direttiva 91/271/KEE, l-agglomerazzjonijiet b'ekwivalenza ta' popolazzjoni (EP) inkluża bejn 1-10 000 u 1-15 000 għal kull rimi barra minn żoni sensitivi, jew b'ekwivalenza ta' popolazzjoni inkluża bejn 1-2 000 u 1-10 000 għar-rimi kollu, fl-ilma ħelu u l-estwarji, kellhom jkunu pprovduti b'sistemi ta' ġbir għall-ilma mormi urban u jissuġġettaw dan l-ilma għal trattament sekondarju jew għal trattament ekwivalenti, mhux iktar tar mill-31 ta' Diċembru 2005.

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 26.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour constitutionnelle (il-Lussemburgu) fid-29 ta' Ġunju 2015 – ArcelorMittal Rodange et Schifflange SA vs État du Grand-duché de Luxembourg**(Kawża C-321/15)**

(2015/C 294/51)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Qorti tar-rinviju**

Cour constitutionnelle

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: ArcelorMittal Rodange et Schifflange SA

Konvenut: État du Grand-duché de Luxembourg

Domanda preliminari

L-Artikolu 13(6) tal-liġi emendata, tat-23 ta' Diċembru 2004, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, sa fejn jippermetti lill-Ministru kompetenti jeżiġi r-restituzzjoni mingħajr kumpens totali jew parzjali tal-kwoti maħruġa skont l-Artikolu 12(2) u (4) tal-istess liġi, iżda mhux użati, huwa konformi mad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE⁽¹⁾, b'mod partikolari mal-istruttura tal-iskema ta' skambju ta' kwoti prevista fiha, fejn din id-domanda testendi għal dik tal-eżistenza effettiva, jew anki, fl-affermativ, tal-klassifikazzjoni tar-restituzzjoni ta' kwoti maħruġa, iżda mhux użati, kif ukoll għal dik tal-klassifikazzjoni possibbli ta' tali kwoti bħala beni?

⁽¹⁾ ĠU L 275, p. 32.

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Østre Landsret (id-Danimarka) fit-2 ta' Lulju 2015 –
TDC A/S vs Teleklagenævnet, Erhvervs- og Vækstministeriet**

(Kawża C-327/15)

(2015/C 294/52)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Østre Landsret

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: TDC A/S

Konvenuti: Teleklagenævnet, Erhvervs- og Vækstministeriet

Domandi preliminari

- 1) Id-Direttiva 2002/22/KE, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali)⁽¹⁾, inkluż l-Artikolu 32, jipprekludu lil Stat Membru milli jistabbilixxi regoli li jipprovdu li impriża ma għandhiex dritt tressaq talba kontra l-Istat Membru għall-irkupru separat tal-ispiża netta għall-provvista ta' servizzi obbligatorji addizzjonali li ma jaqgħux taħt il-Kapitolu II ta' din id-direttiva, fejn il-profitti tal-impriża minn servizzi oħra li huma koperti mill-obbligi ta' servizz universali tal-impriża taħt il-Kapitolu II ta' din id-direttiva jmorru lil hinn mit-telf assoċjat mal-provvista tas-servizzi obbligatorji addizzjonali?
- 2) Id-Direttiva Servizz Universali tipprekludi lil Stat Membru milli jistabbilixxi regoli li jipprovdu li l-impriżi għandhom dritt għall-irkupru mill-Istat Membru tal-ispiża netta għall-provvista ta' servizzi obbligatorji addizzjonali li ma jaqgħux taħt il-Kapitolu II tad-direttiva biss jekk l-ispiża netta tikkostitwixxi oneru mhux iġġustifikat għall-impriżi inkwistjoni?